MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 969/2009

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

**-vs-**

**Dr Peter Fenech bħala mandatarju speċjali għall-assenti Aaron Gatt Floridia f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Samic Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors revoka ppreżentat fid-9 ta' Ottubru 2009 li permezz tagħha l-mandatur Dr Peter Fenech ppremetta:

Illi wara rikors pprezentat fit-22 ta' Awissu 2009 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru numru 1454/09 in kawtela tad-dritt tiegħu għall-ħlas tal-ammont ta' mitejn u disgħa u tletin elf, erba' mija u sebgħa u sebgħin Euro u ħmistax-il

Euro ċenteżmu (€239,477.15) rappreżentanti ammont allegatament dovut minn Aaron Gatt Floridia *proprio et nomine* skond l-Artikolu 59 *et seq* tal-Att XXIII tal-1998.

Illi jeżistu raġunijiet validi fil-Liġi għaliex dan l-att kawtelatorju għandu jiġi revokat a tenur tal-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ser jiġi spjegat fir-rikors odjern.

Illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud m'hijiex ġustifikata lanqas *prima facie* u mhux raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ u dan għas-segwenti raġunijiet:

1. Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat li r-rikorrent *nomine* m'huwiex direttur tal-kumpanija Samic Company Limited u dan wara li kien irrizenja minn din il-kariga ferm qabel ma nħareġ dan l-att kawtelatorju, u dan kif *del resto* jirriżulta mill-anness dokument markat AGF 1 li jindika d-data ta' meta r-rikorrent *nomine* rriżenja mill-kariga ta' Direttur.

2. Illi dan is-sekwestru huwa frott ta' abbuż tal-proċeduri li din l-Onorabbli Qorti ma tista' qatt taċċetta. Dan jingħad għaliex ġja' kien hemm mandat ta' sekwestru ieħor *in vigore*, abbażi ta' ittra uffiċjali li sussegwentement l-Qorti ddikjarat nulla fil-25 ta' Gunju 2009 (196/08 RCP). Minkejja dan id-Dipartiment ma ppreżentatx il-kontro-mandat rilevanti, minkejja tali talba, żammitu *in vigore* xhur sħaħ sakemm ppreżentata ittra uffiċjali oħra u sekwestru ieħor, l-odjern, kontestwalment.

3. Illi l-mandat ta' sekwestru 1683/07 inżamm *in vigore* fuq ammonti ta' flus li jipparalizzaw kull tip ta' attivita` ta' kontijiet bankarji, inkluż ħlasijiet permezz ta' ċekkijiet jew *credit cards, loans* u tranżazzjonijiet simili;

4. Illi minkejja li avżati dwar il-fatt li Aaron Gatt Floridia kien ilu żmien tqil jgħix barra, anki wara li nġabet il-prova dwar dan quddiem il-Qorti, id-dipartiment xorta nsista fuq deċiżjoni mill-Qorti u *di piu* anki wara li ngħatat d-deċiżjoni kontra d-dipartiment tal-Vat, dan tal-aħħar dam xhur sabiex neħħa s-sekwestru, u dan għamlu biss kontestwalment fil-ġurnata li hu kien lest jerġa' jipproċedi

kontra l-istess Aaron Gatt Floridia b'proceduri oħrajn u b'sekwestru ieħor;

5. Illi l-fatt li l-intimat abbuża mill-proċeduri u d-dispożizzjonijiet tal-Liġi jrenduh soġġett għad-danni kawżati taħt l-artikolu 836 (8) sub-inċiż (b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi *di piu`* l-mandat ta' sekwestru numru 1454/09 ma ġiex segwit bil-proċeduri rikjesti, dik ta' *demand notice* notifikata lil Aaron Gatt Floridia li abbażi tiegħu tista' tinħareġ ittra uffiċjali sabiex dan l-allegat pretenzjoni tiġi konvertita f'titolu eżekuttiv.

Għaldaqstant l-esponenti *nomine* umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 1454/09 maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra Aaron Gatt Floridia f'ismu personalment u tikkundannah iħallas dak l-ammont li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun taħt l-artikolu 836 (8) *kawża ta' żewġ sekwestri li qatt ma kellhom jinħarġu* għar-raġunijiet fuq mogħtija.

Rat ir-risposta tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ippreżentata fit-30 ta' Ottubru, 2009 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi din ir-risposta qed issir għar-rigward tar-rikors tas-19 t'Ottubru 2009 ta' l-Avv. Dr. Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tal-assenti Aaron Gatt Floridia u in segwitu tad-Digriet tat-23 t'Ottubru 2009 li permezz tiegħu din l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-esponent b'erbat ijiem sabiex iwieġeb;

Illi permezz tal-imsemmi rikors, ir-rikorrent *nomine* talab illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-korrezzjonijiet mitluba fir-rikors tiegħu u tissostitwixxi r-rikors b'dak riferit bħala *rikors anness* ma' l-istess rikors;

Illi l-esponent jirrileva illi huwa ġie notiflkat bir-rikors ipprezentat fis-19 t'Ottubru 2009 iżda għadu ma ġiex notiflkat bid-dokument li huwa riferit bħala *rikors anness* fl-

istess rikors tas-19 t'Ottubru 2009 u li r-rikorrent qed jitlob li jiġi sostitwit bih u li apparentement fih il-korrezzjonijiet imsemmija fl-istess rikors tas-19 t'Ottubru 2009;

Għaldaqstant *stante* illi l-esponent ġie notiflkat bir-rikors ippreżentat fis-19 t'Ottubru 2009 iżda għadu ma ġiex notifikat bid-dokument riferit bħala *rikors anness* ma' l-istess rikors tas-19 t'Ottubru 2009 u li r-rikorrent qed jitlob li jiġi sostitwit bih u li apparentement fih il-korrezzjonijiet msemmija fir-rikors tas-19 t'Ottubru 2009, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna illi jiġi notiflkat bid-dokument relattiv (u ċioe` dak illi huwa msemmi fir-rikors ippreżentat fis-19 t'Ottubru 2009) u li jogħġobha ttih żmien min-notifika li fih għandu jwieġeb għar-rikors odjern.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ippreżentata fit-23 ta' Novembru 2009 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi nhar is-17 ta' Novembru 2009 l-esponent reġa' ġie notifikat bir-rikors tad-9 t'Ottubru 2009 ta' l-Av. Dr. Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tal-assenti Aaron Gatt Floridia kif ukoll b'Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-14 t'Ottubru 2009 li permezz tiegħu din l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-esponent b'sebat ijiem min-notifika sabiex iwieġeb;

Illi nhar il-21 t'Ottubru 2009 l-esponent diġa' wieġeb għal tali rikors u għalhekk ma jistax jifhem għaliex huwa reġa' ġie notifikat bl-istess dokumenti li diġa' wieġeb għalihom;

Għaldaqstant l-esponent ma għandu xejn xi jżid mar-risposta tiegħu tal-21 t'Ottubru 2009.

Rat l-affidavits u semgħet il-provi;

Rat l-atti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Diċembru 2009 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-avukati trattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti qed jitolbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru illi nħareġ fuq talba tal-intimat li jġibu n-numru ndikati fir-rikors *ai termini* tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu rivolti kontra tagħhom.

Is-sub-artikoli ndikati mir-rikorrenti jsemmu fost ir-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tneħħija tal-mandat;

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv*

*(e) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew lid an l-att jew parti minn u mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Illi normalment fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Gove et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001; *mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami lit rid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami lit rid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminary li għad qed tistenna l-eżitu final ital-kawża proprja.* (ara wkoll is-sentenza fil-kawża **"Emanuel Sammut vs Josephine Sammut"** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003). F'dan il-każ peress li skond il-liġi l-intimat għandu ċerti privileġġi proċedurali, il-Qorti neċessarjament trid tidħol aktar fil-fond għalkemm f'dan il-każ ir-rikorrenti qed jilmenta l-aktar mill-*punto di vista* proċedurali. Għalhekk filwaqt li l-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijiet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jiġi revokat, trid

tara jekk il-lanjanzi proċedurali tar-rikorrenti humiex ġustifikati.

Illi huwa għalhekk ta' sfortuna l-fatt li l-partijiet naqsu li jipproduċu l-kopji kemm tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi attakkat u anke tal-ittra uffiċjali li fl-atti tagħha ġie preżentat ir-rikors odjern. Dan filwaqt li ġiet preżentata kopja tal-mandat ta' sekwestru preċedenti illi kien ġie revokat in vista ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta illi kienet iddikjarat nulla n-notifika tal-ittra uffiċjali li kienet inizjat dawk il-proċeduri. Strettament il-Qorti għalhekk keinet tkun ġustifikata li tiċħad it-talba minħabba f'dan in-nuqqas; nuqqas tar-rikorrenti għaliex wara kollox hu jrid ikun biex jipprova t-talba tiegħu. Madankollu billi ma saret ebda oġġezzjoni mill-kontro-parti l-Qorti se tanalizza t-talba aktar fil-fond.

Illi r-rikorrenti jsostni li ladarba l-mandanti tiegħu rreżenja minn direttur tas-soċjeta' msemmija f'April 2006 ma setgħux jibqgħu jittieħdu proċeduri legali fil-konfront tiegħu bħala tali. Madankollu jirriżulta ċar li d-dejn dovut lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jirrisali għal qabel din id-data, kwindi żgur li ma jistax bis-sempliċi riżenja tiegħu jeżonera ruħu mill-obbligazzjonijiet tiegħu fir-rigward. Għalhekk it-talba tiegħu fuq din il-kawżali qed tiġi respinta.

Illi huwa qed isostni wkoll li ma ġiex notifikat bid-*demand notice* skond l-artikolu 59 tal-Kap 406; madankollu dan l-artikolu ma jispeċifikax kif għandha ssir it-talba qabel ma tinħareġ l-ittra uffiċjali; u skond l-artikolu 72 tal-istess liġi jgħid illi kull *mandat jew proċediment ieħor li jsir b'għan skond id-dispożizzjoni ta' dan l-Att ma għandux jitqies bħala null jew li jista' jiġi annullat minħabba f'xi nuqqas materjali jew li jkun difettuż minħabba xi żball, difett jew omissjoni li jkollu jekk dan ikun materjalment jaqbel mal-ħsieb u skond it-tifsir ta' dan l-Att.* Għalhekk żgur il-Qorti ma tistax tannulla jew tirrevoka l-mandat fuq dan il-bażi.

Illi kwantu għat-talba għad-danni minħabba li l-mandat preċedenti dam ma ġie rtirat mill-intimat il-Kummissarju tal-VAT, din għandha ssir **ad hoc** u mhux bħala parti minn

talba għar-revoka ta’ mandat ieħor, u għalhekk il-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni tagħha bħala tali.

Illi l-Qorti fuq kollox tħoss li t-talbiet tar-rikorrenti a bażi tas-sub-inċiżi msemmija mhumiex ġustifikati.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti *nomine* bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------